# Melita Cycling Club

# Statut 2010

---

## Artiklu 1—L-Isem:

**1.1**

- L-isem ta’ dan il-klabb taċ-ċikliżmu il-ġdid għandu jkun ‘MELITA CYCLING CLUB’, pero` għal raġunijiet ta’ sponsorship’, jista’ jingħaqad l-isem tal-‘main sponsor’ għas-sena partikolari.

**1.2**

- Il-klabb għandu jieħu ħsieb li jaffilja ruħu mal-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu u li jagħti sehem u appoġġ bis-sħiħ fil-ħidma tal-istess Federazzjoni, dejjem jekk din tal-aħħar tħaddan u twettaq l-għanijiet taċ-ċikliżmu in ġenerali.

**1.3**

- Politikament, il-klabb josserva newtralita` assoluta.

## Artiklu 2—Għanijiet:

**2.1**

- Biex jippromwovi l-isport taċ-ċikliżmu fil-gżejjer Maltin billi jieħu sehem f’attivitajiet relatati maċ-ċikliżmu, primarjament il-kompetizzjonijiet organizzati mill-Federazzjoni Maltija taċ-Ċikliżmu kif ukoll mill-assoċjazzjonijiet u klabbs affiljati magħha.

**2.2**

- Biex jorganizza attivitajiet li fihom jirrenja l-ispirtu sportiv fejn hu importanti li kulħadd jieħu pjaċir g’għaqda bejn il-membri tal-istess klabb u klabbs oħra.

**2.3**

- Biex jgħolli l-livell tal-isport agonistiku bil-mezzi kollha possibli diment li ma jinkisru l-ebda regoli sportivi jew dawk tal-‘fair play’ jew offiżi relatati ma’ ‘doping’ jew sitwazzjonijiet oħra li ma jagħmlux ġid liċ-ċikliżmu.

**2.4**

- Biex iressaq individwi ġodda biex jipprattikaw l-isport taċ-ċikliżmu.

## Artiklu 3—L-ilsien

**3.1**

Il-lingwi uffiċjali tal-klabb għandhom ikunu il-Malti u l-Ingliż

## Artiklu 4—Sħubija

**4.1**

Kull min irid jissieħeb mal-klabb irid jimla' formola ta' sħubija bid-dettalji kollha mitluba fuq l-istess formola.

**4.2**

Il-kumitat għandu l-jedd jaċċetta jew jiċħad kull applikazzjoni li jirċievi mingħajr il-ħtieġa li jispjega r-raġunijiet tar-rifjut tiegħu.

**4.3**

Il-ħlas tas-sħubija għandu jkun fid-diskrezzjoni tal-kumitat eżekuttiv u regolat mill-ħtieġa tal-mument.

**4.4**

L-ebda membru ma jista'jivvota f'laqgħa ġenerali diment ma jkunx ilu membru għal mil-lanqas tlett xhur.

**4.5**

Kull 'equipment' li jinghata lill-membri huwa u jibqa' proprjeta tal-klabb u jrid jiġi mogħti lura lill-klabb meta u jekk jintalab. 'Equipment' jingħata lil membri li jikkompetu. Il-'Kit' uffiċjali tal-klabb għandu jintlibes għas-sezzjonijiet ta' taħriġ ta' nhar ta' Ħadd u waqt avvenimenti organizzati mill-klabb, mill-Federazzjoni taċ-ċikliżmu u klabbs oħra. F'ċertu każijiet, il-kumitat eżekuttiv jista' jiddeċiedi li jqassam 'equipment' lill-membri li ma jikkompetux.

**4.6**

Il-membri huma obbligati li jieħdu ħsieb l-'equipment' li jingħatalhom u f'każ ta' xi ħsara minħabba nuqqas t'attenzjoni jew negliġenza, il-membru għandu jagħmel tajjeb għal dan.

**4.7**

It-termini tas-sħubija hija għal sena, u din tibda/titħallas waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali u tintemm fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-sena ta' wara. Fil-każ li membru irid itemm is-sħubija tiegħu qabel, dan għandu jgħarraf lill-kumitat bil-miktub  u jagħti r-raġunijiet tiegħu. Il-kumitat jiddeċiedi jekk jagħtix ir-'release' wara li jiddiskuti l-każ.

## Artiklu 5—It-Tmexxija

**5.1**

Dan il-klabb għandu jkun immexxi minn kumitat eżekuttiv imtella' demokratikament mill-membri tagħha fil-laqgħa ġenerali annwali.

**5.2**

Il-kumitat eżekuttiv għandu jkun kompost minn mhux inqas minn tlett membri eletti u mhux iktar minn sitta. Il-laqgħa ġenerali annwali tista' tispeċifika n-numru ta' membri fl-eżekuttiv fl-ispirtu ta' din il-klawsola.

**5.3**

Il-kumitat eżekuttiv ikollu l-jedd għat-tmexxija tal-klabb għal żmien ta' sena mid-data tal-ħatra.

**5.4**

Il-kumitat eżekuttiv għandu jkun iffurmat minn President, Segretarju u Teżorier kif ukoll membri oħra. F'każ li ma jkunx hemm persuna adattata biex tieħu ħsieb ċertu kariga, din tista' taqa' taħt ir-responsabbilta` ta' membru ieħor b'kariga oħra.

**5.5**

Il-laqgħat tal-kumitat eżekuttiv għandhom isiru skont l-esiġenza u l-bżonn ta' dan il-klabb. Dawn għandhom jiġu msejħa mill-president jew minn xi mebri ieħor tal-kumitat skont il-ħtieġa u ċ-ċirkostanzi.

**5.6**

Il-maġġoranza tad-deċiżjonijiet jiġu meħuda mill-kumitat eżekuttiv. Pero` f'każ ta' deċiżjonijiet ta' natura aktar importanti, il-kumitat jista' jsejjaħ lill-membri kollha waqt laqgħa straordinarja u ssir votazzjoni.

**5.7**

F'każ ta' riżenja minn membru tal-kumitat għandha tissejjaħ laqgħa straordinarja biex jiġi nominat membru eżistenti mill-klabb biex jieħu din il-pożizjoni temporanjament sal-laqgħa ġenerali Annwali li jmiss.

## Artiklu 6—Laqgħa Ġenerali

**6.1**

- Il-Laqgħa Ġenerali għandha tinżamm kull sena fix-xahar ta’ Settembru.
- Din għandha dejjem issir qabel il-Laqgħa Ġenerali tal-Federazzjoni Maltija taċ-ċikliżmu.

**6.2**

- Il-Laqgħa Ġenerali għandha dawn il-funzjonijiet prinċipali:

  **6.2.1**

  - Iġġedded il-*membership* tal-membri u ta’ membri ġodda.

  **6.2.2**

  - Tapprova r-rapporti tal-President, Segretarju u Teżorier

  **6.2.3**

  - Tirrevedi l-istatut

  **6.2.4**

  - Teleġġi kumitat ġdid

## Artiklu 7-Dixxiplina

**7.1**

- Kull każ ta’ nuqqas ta’ dixxiplina imwettaq minn xi membru ta’ dan il-klabb għandu jidher quddiem il-kumitat eżekuttiv fejn l-imsemmi membru jagħti ix-xhieda u r-raġunijiet tiegħu.
- Id-deċiżjoni tal-bord tkun finali.